14 ta' Mejju, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Tabib Arthur Portanier, M.D. *versus* Carmelo Attard et.**

## Appell — Provi — Xhieda Godda — Art. 206 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Jekk ma jirrikorrix wieħed mill-każi li fihom il-liġi espressament tippermetti l-produzzjoni fl-appell ta' xhieda li ma xehdux fl-ewwel istanza, dawk ix-xhieda ma għandhomx jiġu ammessi fit-tieni istanza jekk mhux fil-każ li l-Qorti tħoss li x-xhieda tagħhom hija neċessarja jew utili.*

*Din in-neċessità jew utilità hemm bżonn però li tkun inqalgħet wara s-sentenza appellata, u ma tridx tkun ġà sussistenti meta l-kawża kienet qiegħda tiġi trattata quddiem l-Ewwel Qorti.*

*L-emendi introdotti fis-sena 1934 għal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili ma kellhomx l-iskop li jillimitaw id-dritt tal-Qorti li jsejħu xhieda oħra meta tħoss il-ħtieġa tagħhom; imma dak id-dritt tal-Qorti lanqas għandu jiġi nterpretat fis-sens li l-Qorti tista' tinjora dik id-dispożizzjoni tal-liġi dwar il-produzzjoni ta' xhieda ġodda fl-appell.*

Il-Qorti, — Fuq it-talba tal-konvenut appellanti biex iġibu bħala xhieda l-Avukat Dottor Tommaso Caruana Demajo u lil Giorgio u Alexander Portanier;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-produzzjoni ta' xhieda f'dina l-istanza hija regolata mill-art. 206 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jistabbilixxi li ebda xhud, li ma jkunx ingieb fil-Qorti ta' l-Ewwel Grad, ma jista' jingieb fl-appell hlief fil-każi hemm preveduti. Dawn il-każi ma jirrikorrux fil-preżenti vertenza, billi l-parti avversa opponiet ruhha ghat-talba, billi l-appellanti kienu jafu b'xxhieda tal-persuni fuq imsemmijin u setghu giebuhom sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti, bill l-isem ta' dawk in-nies ma giex moghti fid-dikjarazzjoni u ghalhekk ma gewx imsejhin biex jixhdu quddiem dik il-Qorti, u billi fil-fehma ta' dina l-Qorti x-xhieda taghhom mhix neċessarja u lanqas utili;

Din in-neċessità u utilità, skond il-ġurisprudenza, hemm bżonn li tkun inqalghet wara s-sentenza appellata, u mhux li tkun eżistenti anki meta l-kawża tkun qieghda tigi trattata quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza. U kif gie deċiż minn dina l-Qorti fis-26 ta' Frar 1951, in re "Savona vs. Asphar", ghalkemm l-emendi li saru lill-Kodiċi tal-Proċedura bl-Ordinanza numru XXXI ta' l-1934 ma kellhomx l-iskop li jillimitaw id-dritt tal-Qorti li ssejjah xhieda ohra li fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha li huma mehtiega, iżda dak id-dritt tal-Qorti ma ghandux jigi interpretat fis-sens li tista' tinjora d-dispożizzjoni tal-ligi dwar il-produzzjoni ta' xhieda fil-grad ta' appell, iżda biss fis-sens li tkun tista' tordna s-smiegh ta' xhud meta thoss in-neċessità ghall-konvinzjoni morali taghha;

Ghaldaqshekk;

Tirrespingi dina l-istanza talba tal-konvenuti appellanti, b'ispejjeż ta' l-inċident kontra taghhom.